**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 11 ta' Dicembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**-vs-**

**Denise Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 550484M**

**Donna Pace, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 485591M**

*Kumpilazzjoni Nru.219/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati u cioe`:

Fil-konfront tal-imputata Denise Camilleri waħedha -

Talli bejn Ottubru, 2017 u Diċembru, 2017, minn ġewwa l-istabbiliment 'St.Philip Pharmacy', Triq iċ-Ċeppun, Għaxaq, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Ikkommettiet serq ta' oġġetti li l-valur tagħhom jeċċedi l-€232.94 iżda ma jeċċedix l-€2,329.37 għad-detriment ta' John Camilleri mis-Siġġiewi, liema serq hu aggravat bil-valur;

Fil-konfront ta' Donna Pace waħedha akkużata talli f'Ottubru, 2017, minn ġewwa l-istabiliment 'St.Philips Pharmacy', Triq iċ-Ċappun, Għaxaq-

Ikkommettiet serq ta' oġġett li l-valur tagħhom jeċċedi €232.94 iżda ma jeċċedix l-€2,329.37 għad-detriment ta' John Camilleri mis-Siġġiewi, liema serq hu aggravat bil-valuri;

L-imputati gew akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer:

Xjentement laqaw għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħudha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibigħuhom jew imexxuhom.

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta mal-imputat Denise Camilleri bħala waħda li kisret il-kundizzjoni mposta fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud datata 24 ta' Frar, 2017.

Rat illi waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu setghu jergghu lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, l-

Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi l-akkuza dwar ricettazzjoni nghatat bhala kap alternattiv ghall-akkuza ta' serq. Ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza dwar ricettazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li jinsabu akkuzati bihom l-imputati, tal-ammissjoni bikrija taghhom, tal-koperazzjoni li wrew tul l-investigazzjoni w tal-fedina penali taghhom minn fejn jirrizulta li mhumiex xi *first-time offenders*. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment tal-fatt li r-*res furtiva* giet ritornata fil-jum stess li sar ir-rapport. Ghalhekk japplika d-disposizzjoni tal-artikolu 337(2)(b)(i) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza dwar ricettazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(c), 267, 279(a) u 337(2)(b)(i) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront taghhom u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggihom taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin (3) millum. Kif ukoll fil-konfront ta' Denise Camilleri wahedha wara li rat ukoll l-artikolu 18 tal-Kapitolu IX Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ukoll ghall-hlas t'*ammenda* ta' €150 pagabbli fi zmien sena millum ratejalment.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwux id-direttivi li se jinghatawlhom fil-perjodu ta' supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**